MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## VALENZIA GEOFFREY

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 123/2002/1

**J. Micallef Buliders Limited.**

**vs**

**Philip Degiorgio.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-konvenut Philip Degiorgio iffirma u accetta hames kambjali (hawn annessi u mmarkati minn Dok. “A” sa “E” konsekuttivament), ilkoll ta’ tlett elef hames mija u wiehed u tmenin Lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm3,581.38) il-wahda a favur tas-socjeta’ attrici;

Premess illi l-imsemmija kambjali gew iffirmati minn Philip Degiorgio f'ismu proprju;

Premess illi l-kambjali fuq imsemmija, ghalkemm ilkoll skaduti ghadhom ilkoll dovuti;

Premess illi ghalhekk is-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma komplessiva ta' sbatax-il elf disa mija u sitt liri Maltin u disghin centezmu (Lm17,906.90), rappresentanti import ta' hames kambjali ta' tlett elef hames mija u wiehed u tmenin Lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm3,581.38) il-wahda, kif fuq inghad;

Premess illi s-socjeta' attrici interpellat diversi drabi lill-konvenut sabiex jissalda dan id-debitu izda madankollu l-konvenut baqa' inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta' attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata taghha, hawn annessa, u fil-fehma tal-istess socjeta' attrici, il-konvenut proprio et nomine m'ghandux eccezzjonijiet validi x'jaghti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet li din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm17,906.90;

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispenza tat-trattazzjoni a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 14 fejn eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament, il-kambjali nkwistjoni huma nulli stanti illi ma gewx iffirmati mill-mara tieghu Marthese Degiorgio izda mill-konvenut wahdu;

2. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut iffirma l-kambjali nkwistjoni bi ftehim ma' l-attur mhux biex l-attur jigbor il-flus minghand il-konvenut izda sabiex ikun jista' jissellef fuqhom minghand terza persuna li huwa qal li kienet zijuh. Fil-fatt il-partijiet ftehmu illi l-kreditu dovut mill-konvenut lill-attur kellu jithallas biss mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta' li l-attur kien qieghed jibni ghall-konvenut;

3. Illi, ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi ghalkemm il-konvenut xehed li l-kambjali gew iffirmati ghall xoghol li sar fid-dar residenzjali tieghu, fit-tieni eccezzjoni tieghu u mid-dikjarazzjoni jirrizulta li fil-fatt il-kostruzzjoni saret ghan-negozju da parti tal-konvenut ghalhekk japplika l-artikolu 1324 tal-Kap 16 li jipprovvdi li atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux maghmula in relazzjoni ma' dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.

Kwantu ghat-tieni eccezzjoni, stante li din l-eccezzjoni mhiex eccezzjoni fuq il-kambjala (ara verbal a fol. 13) imma hija eccezzjoni personali ghall possessur li tinhtieg ezami fit-tul ghalhekk japplika l-artikolu 198 tal Kap 13 u l-Qorti ghandha tghaddi ghall kundanna tal-hlas tal-kambjali.

Infatti l**-artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc** jipprovvdi li:

*(1) L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.*

*(2) Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha, u sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skond ma jidhrilha l-Qorti, m'ghandiex tkun imdewma.*

L-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti ttrattata bl-aktar celerita possibbli. Il-Kummerc jitlob il-heffa u l-ghagla fil-kontrattazzjonijiet u s-soluzzjoni guridika taghhom.

Ghalhekk f'azzjoni kambjarja l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu limitati u ristretti ghad-dokument stess (il-kambjala) u m'ghandhomx jidhlu fil-kamp ta' obbligazzjonijiet ohra. L-azzjoni kambjarja ghandha hajja ghal kollox indipendenti minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ippreceditha jew obbligazzjoni li setghet iggenerat. L-obbligazzjonijiet emergenti huma dawk li johorgu mis-semplici firem tal-persuni li jidhru fuq il-kambjala (ara sentenza **Kum. JMB Portelli vs Sullivan 17/10/89).**

L-istess qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenzi fl-ismijiet **Jet Tech Ltd vs M. Coppola App 13/3/01 u Adrian Busietta nomine vs. Marco Attard nomine deciza fid-9 ta' Frar, 2001** :-

"Issa filwaqt li hu minnu illi "l-eccezzjonijiet personali huma opponibbli ghall-possessur tal-kambjali li qed jitlob il-hlas taghha u jistghu jirrigwardaw tant l-origini tal-obbligazzjoni kemm l-ezercizzju taghha" (Volume XXX part iii page 499), u dan a vantagg tal-konvenut kjamat biex jonora l-kambjala, kellu jkun ovvju li l-oggett tal-azzjoni kambjarja ma setax u m'ghandux ikun konfuz mal-oggett li kien jifforma l-obbligazzjoni naxxenti minn negozju u li taha lok ghall-hrug taghha. Il-ligi stess, proprju bl-insistenza fuq l-

awtonomija tal-azzjoni kambjarja u bil-limitazzjoni tal-eccezzjonijiet li setghu jinghataw ghaliha, kif ukoll bl-insistenza fuq l-ispeditezza fid-determinazzjoni tal-azzjoni, kienet tiddistingwi u ssalva n-negozju originali li jibqa' soggett ghall-verifika u kontestazzjoni, anki wara li tkun giet determinata l-azzjoni kambjarja u anki wara li tkun giet onorata l-kambjala b'konsegwenza tal-ezekuzzjoni ta' sentenza fuqha moghtija.

L-Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc infatti necessarjament jimplika illi eccezzjonijiet li kienu ta' natura personali ghall-possessur u li allura setghu joriginaw minn negozju li taha lok ghall-hrug tal-kambjala imma li setghu idewmu d-determinazzjoni tal-azzjoni kambjarja, kellhom bhala regola jigu skartati.  Dan dejjem salv id-dritt li tali eccezzjonijiet jistghu jigu ventilati f'azzjoni li tikkontesta n-negozju originali".

Apparti dawn iz-zewg eccezzjonijiet ma hemmx eccezzjonijiet ohra rigwardanti l-kambjali per se u l-ammont mitlub ma giex kontestat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici
spejjez ghall-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**